MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2014

Avviz Numru. 84/2012

**Electrofix Limited (C-23111)**

**vs**

**Gordon Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-5 ta' Marzu 2012 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' disat elef, mija u wiehed u hamsin ewro u erbghin centezmu (€9,151.40) rapprezentanti bilanc kif dovut mill-konvenut ghal xoghlijiet rezi mis-socjeta' attrici fir-residenza tal-konvenut 'Valentina', Triq Jules Verne, San Pawl tat-Targa, Naxxar.

Bl-ispejjez inkluz tal-pezenti kif ukoll ta' l-ittra ufficcjali numru 42/2012 datata l-5 ta' Jannar 2012 u tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-imghaxijiet legali das-data ta l-effettiv pagament . Qed tigi minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Gordon Micallef kif ipprezentata fl-atti nhar it-3 ta' April 2012 fejn eccepixxa:

1. *"Illi l-konvenut gie notifikat bir-rikors fuq imsemmi nhar id-29 ta' Marzu 2012 u se ighaddi biex jissottometti r-risposta tieghu.*
2. *Illi l-konvenut jirrileva illi huwa m'ghandux ihallas is-somma ta' disat elef, mija u wiehed u hamsin euro u erbghin centesmu (€9,151.40) kif qieghed jigi mitlub ihallas mis-socjeta' attrici;*
3. *Illi s-somma mitluba cioe' dik ta' disat elef, mija u wiehed u hamsin ewro u erbghin centesmu (€9,151.40) hija bilanc minn somma ferm akbar li l-konvenut diga hallas ghal xogholijiet rezi gewwa l-proprjeta ta' l-istess konvenut gewwa r-residenza 'Valentina', Triq Jules Verne, San Pawl tat-Targa n-Naxxar.*
4. *Illi l-bilanc li l-konvenut qieghed jigi mitlub ihallas mis-socjeta' attrici ma gewx ikkalkolati fuq tariffi 'standard' li s-socjeta' attrici kienet marbuta li timxi maghhom.*

5. *Illi l-konvenut gie a konoxxenza ta' dan il-fatt wara li b'inkarigu ta' l-istess konvenut inkariga lil Ingineer John Muscat fejn wara li vverifika x-xogholijiet li effettivament twettqu fir-residenza tal-konvenut, u kkonstathom mal-kont li l-konvenut inghata mis-socjeta attrici ghal bilanc kif mitlub li rrizulta li l-kont ma giex mahdum fuq it-tariffi 'standard' li s-socjeta' bhal Electrofix kellha timxi fuqhom biex tohrog l-kont taghha.*
6. *Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra ir-rikorrent.*
7. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

**Joseph Schembri** prodott mis-socjeta' attrici xehed nhar is-26 ta' Settembru 2012 u spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' General Manager tas-socjeta' attrici u li din il-kumpanija tiehu hsieb l-installazzjonijiet ta' xoghol tal-elettriku u ilhom jaghmlu dan ix-xoghol mis-sena 1998. Mostoqsi jekk jafx lill-konvenut prezenti, wiegeb li jafu. Fil-fatt huwa klijent taghhom u kien talabhom sabiex jiehdu hsieb l-elettriku fil-Villa tieghu li jisimha 'Valentina', Triq Jules Verne, San Pawl tat-Targa, Naxxar. Qal li huma kienu hargu l-istima taghhom fit-23 ta' Jannar 2010. Fil-fatt in segwitu il-konvenut kien accetta l-istima taghhom u sar ix-xoghol skont l-istess stima li kienu tawh. Huwa esebixxa l-istima relattiva li giet immarkata bhala dokument X. Spjega illi waqt li kien qed isir ix-xoghol, il-konvenut kien talabhom biex izidu xi *points* ohra, u ghalhekk ghamlu z-zieda kif kien mitlub minnhom, pero' ma hargux stima apparti, u lanqas hu ma talabielhom. Waqt li kien qed isir ix-xoghol ma jidhirlux li kien hemm xi *complaints* minn naha tal-konvenut fil-konfront taghhom. Ikkonferma li l-ammont mitlub minnhom fir-rikors promotur huwa l-ammont bilancjali, u jkopri wkoll dawk ix-xoghlijiet zejda li saru u li ntalbu waqt li kien qed isir ix-xoghol. Stqarr li fil-fatt il-konvenut diga' ghamel certu pagamenti akkont. L-ammont in kwistjoni, jigifieri dak mitlub minnhom huwa l-bilanc. Spjega li malli spiccaw bix-xoghol, fil-fatt hadu l-kejl, u esebixxa kopja tal-kejl relattiv li gie mmarkat bhala Dok Y, liema kejl sar fil-prezenza tal-konvenut u l-istess

konvenut iffirma fuq id-dokument relattiv. Sostna li l-istima li kienu hargu kienet *itemised* u ghalkemm hemm it-total isfel, ghal kull bicca xoghol li huma ghamlu hemm il-prezz *ad hoc* ghaliha.

Qal li wara li sar il-kejl huma hargu d-draft bill fuq il-kwantitajiet tal-kejl li gew mehuda. Naturalment ghamlu referenza wkoll ghal affarijiet zejda li saru waqt li kien qieghed isir ix-xoghol. Meta huma avvicinaw lill-klijent, il-klijent deherlu li l-kont kien wiehed gholi hafna, u deherlu li kellu jqabbad inginier sabiex jivverifika l-kejl mehud minnhom. L-inginier li gie mqabbad minnu kien certu John Muscat u fil-fatt dan irrediga rapport ulterjuri u esebixxa kopja ta’ dan ir-rapport li kien gie moghti lix-xhud li gie mmarkat bhala dokument Z. Stqarr li dawk l-*items* li kienu fuq il-*quote* originali u cioe’ dawk murija fuq dokument X, baqghu l-istess prezz kif naturalment indikati fl-istess stima Dok X. Pero’ l-affarijiet li saru waqt li kien qed issir ix-xoghol u cioe dawk l-*items extra* li ma kienux ftehmu fuqhom fil-ftehim originali ta’ dokument X iddahlu ukoll. Hemm certu *items* fuq dan ir-rapport dokument Z, li ma jaqblux magghom ghaliex il-prezzijiet moghtija minnu huma ferm inqas minn dak miftehma minnhom. Jaf li fil-fatt in kontestazzjoni mal-konvenut hemm is-somma ta’ madwar tlett elef u tmien mija li huwa qed jghid li huma extra, inkluz il-VAT. Zied jghid li jekk mis-somma mitluba minnhom fir-rikors promotur ta’ €9,151.40 jitnaqqas l-ammont li qed jghid li mhux qieghed jaqbel mieghu li huwa €3,800 jibqa’ bilanc ta’ madwar cirka €5,000 li ma humiex kontestati pero’ dan nonostante ma halsuhomx. Jikkonferma li l-konvenut kien offrilu li jhallsu l-ammont li ma huwiex in kontestazzjoni u cioe’ l-ammont ta’ ftit ‘l fuq minn €5,000 pero’ *in full and final settlement* u b’hekk ikollu jirrinunzja ghal bilanc u huwa ma dehrlux li kellu jaghmel hekk.

**L-Inginier Victor Bonello** xehed nhar is-26 ta' Settembru 2012 u spjega illi huwa jokkupa l-kariga ta' *freelance engineer*. Ikkonferma li kien gie mitlub mis-socjeta' attrici sabiex jaghmel verifiki tal-kont li hargu huma u sabiex jiehu konjuzzjoni tar-rapport li gie maghmul mill-Ingineer tas-socjeta' Dewpoint Engineering Consultancy Services. Huwa ghamel paragun u cioe' ezamina il-kont mahrug mis-socjeta' attrici u qies ir-rapport maghmul mill-Ingineer tal-konvenut u wasal ghal konkluzzjoni li hemm differenza ta' tlett elef u mitejn ewro minghajr il-VAT u minn din il-figura hareg tlettax-il item li bejniethom jikkorrespondu ghal elfejn u tmien mitt ewro u ghamel kumment relattiv ghal kull item ta' dawn it-tlettax. Dawn huma indikati fid-dokument li gie redatt minnu li esebixxa u gie mmarkat bhala dokument S.

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2012 il-Qorti rat illi l-kwistjoni hija wahda teknika u innominat lill-Perit Ruben Sciortino sabiex jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici u tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Ruben Sciortino li gietipprezentata fil-11 ta' Lulju 2013 u mahlufa minnu fit-13 ta' Novembru 2013 liema relazzjoni giet immarkata bhala Dok RS. Il-Perit Sciortino wasal ghas-segwenti konkluzjoni:

*"Mill-process tal-provi jirrizulta li l-kontestazzjoni hija purament fuq ftit rati li ma gewx miftehma minn qabel. Ghaldaqstant hija opinjoni taghna li peress li r-rati ma gewx miftehma minn qabel, rati tas-suq ghandhom jigu uzati. Liema ammont huwa ta' €5,541.20 + VAT. Anness ma' dan ir-rapport hemm il-lista tal-items individwali li fuqhom ma kienx hemm qbil."*

**Il-Perit Ruben Sciortino** xehed fid-29 ta' Jannar, 2014 fejn iddikjara li fil-konkluzjoni tar-rapport tieghu a fol 60 ghalkemm hemm imnizzel "l-opinjoni taghna" huwa naturalment ried ifisser l-opinjoni tieghu. Il-perit saritlu referenza ghad-deskrizzjoni ta' lista li hemm esebita fir-relazzjoni tieghu li tinsab inserita fl-atti a fol 61. Huwa stqarr li din il-lista seta' gabarha u ghamilha wara li ha konjizzjoni tar-rapport tal-inginier John Muscat li jinsab inserit fl-atti. Il-Perit spjega li waqt il-gbir tal-provi quddiemu, qatt ma kien hemm oggezzjoni minn naha tal-konvenut jekk effettivament dawk indikati fil-lista kienux market rates jew le. Il-principju ta' dan il-kaz kien jekk kellhomx jintuzaw *market rates* jew rati ghola abbazi li r-rati miftehma kienu ghola minn dawk tas-suq.

Il-Perit saritlu referenza ghal *quotation* datata 23 ta' Jannar, 2010 mahruga mis-socjeta' Electrofix li tinsab a fol 21 tal-atti b'mod partikolari fejn hemm imnizzel li l-partijiet qablu fuq il-prezz ghal *floor drain* kien dak ta' €40. Mistoqsi ghaliex allura fil-lista tieghu a fol 61 huwa kiteb li l-floor drain kellu jkollu valur ta' €25 wiegeb li fil-quotation a fol 21 hemm miktub *sic et semplicite* floor drain, waqt li fl-istima tieghu hemm miktub *floor drain diameter fifty millimeter* u ghalhekk fisser li kollox jiddependi fuq id-daqs tal-*floor drain*. Li jista' jghid huwa li fil-fehma tieghu floor drain ta' *fifty millimeter has a going rate* of *€25*.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici pprezentata fit-28 ta' Frar 2014 li permezz taghha esebiet d-domandi taghha in eskussjoni tal-Perit Ruben Sciortino.

Rat ir-risposta tal-**Perit Tekniku Ruben Sciortino** ghal domandi mis-socjeta' rikorrenti Electro Fix Energy Ltd li giet ipprezentata fis-7 ta' Mejju 2014. Mistoqsi jekk jaqbilx illi l-lista fit-tielet pagna tar-rapport giet ikkumpilata u mahduma biss skond ir-rapport tal-Inginier ex-parte John Muscat immarkat bhala Dok JM02 wiegeb illi ma jaqbilx ghax il-lista giet mahduma abbazi taz-

zewg partijiet. Huwa kkonferma li filfatt kien hemm *quotation* ta' *floor drain* ta' €40 (Dok. 21) pero' ddikjara li r-rata tas-suq ghall-*floor drain* in kwistjoni huwa ta' €25. Pero' tenna li fix-xhieda tal-Inginier Muscat jinghad li dawn kienu ftehmu fuq ir-rata ta' €40 u ghalhekk il-Perit Tekniku ghamel revizjoni tal-kont anness u r-rata giet aggustata skont ir-rata miftehma ta' €40.

Il-Perit Tekniku spjega li item A42 'Aquatherm pipe diam 20mm – hot water supply (insulated)' u l-item a fol 22 'Aquatherm pipe 20mm for main supply' m'humiex l-istess haga. Huwa kompla jispjega li pipe 20mm ghall-ilma kiesah jinxtara ghall-prezz ta' €4.40 il-metru filwaqt li pipe 20mm ghall-ilma shun jinxtara ghall-prezz ta' €6.66. Il-Perit zied mal-ammont ta' €6.66 il-kost tal-haddiem u tal-insulation u taw prezz ta' €12 il-metru. Huwa kkonferma li l-kost ta' accessorji tal-pipe u cioe' T fittings u elbow jzidu l-prezz marginalment aktar tal-pipe. Il-Perit iddikjara li wiehed irid jiddeciedi jekk jimxix fuq prezzijiet tas-suq jew le ghal rati li ma jkunux mifthemin bejn iz-zewg partijiet. Ir-rata tkun tinkludi nstallazzjoni wkoll

L-installazzjoni ta' din it-tip ta' pompa tirrikjedi pajpijiet u kif ukoll id-dawl. <u>Il-Perit sostna li f'din il-kawza r-rati kienu l-kontestazzjoni u mhux l-ammonti.</u> L-opinjoni tieghu hija li item A11 huwa ghall-pompa biss u mhux ghax-xoghol relatat mal-pompa. Ir-rata li huwa uza hija ta' €400 + VAT waqt li dik li giet imhallsa hija ta' €345.64 + VAT.

Huwa ma jaqbilx illi jekk ix-xoghol isir taht l-art ikun hemm rata oghla ghax kull xoghol ghandu d-diffikultajiet tieghu. Li kieku s-socjeta' attrici kellha xi diffikulta biex tesegwixxi x-xoghol, din kellha l-obbligu li tinforma lis-Sur Micallef immedjatament.

Rigward item B23 il-Perit jaqbel li l-konvenut kien issuplixxa l-accessory u s-socjeta' rikorrenti trid tithallas ukoll tal-kumplament tal-materjal bhala conduit, cabling u tithallas ghall-installazzjoni taghha. Huwa jaqbel li bejn wiehed u iehor accessorju ta' dan it-tip jiswa b'kollox €3.50 u jista' jvarja skont id-ditta.

Il-Perit gie mistoqsi jekk fir-rata ta' €10.50 li approva f'item B68 inkludiex ir-rata ta' Item B79 u cioe' €9.00 li huwa c-*chasing* necessarju sabiex isir ix-xoghol wiegeb li iva. Huwa spjega li B68 hija rata ghall-installazzjoni li tirrikjedi xi hadd tas-sengha, filwaqt li ghal item B79 ma jirrikjedi l-ebda haddiem tas-sengha. Dwar item C15 gie mistoqsi jekk apprezzax il-fatt li l-cable huwa proprju dirett mid-Distribution Board wiegeb li hekk irid isir bilfors skont IEE regulation.

Il-Perit iddikjara li r-rati tas-suq huma dettati mis-suq u mhux mir-rati stabbiliti bejn il-partijiet u dawn huma rati tas-suq li fuqhom jinhadmu xoghol tipiku.

Illi nhar it-8 ta' Ottubru 2014 dehru l-partijiet li trattaw il-kawza u talbu li l-kaz jibqa' ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni dwar ix-xoghol li sar u cioe' li dan ma sarx skond is-sengha u l-arti izda l-kontestazzjoni li hemm hija dwar il-fatt li l-konvenut qed isostni li s-socjeta' attrici baghtet kont esagerat u dan ghaliex temmen li l-kont ma harigx skond il-*going rates* tal-gurnata izda gie

kkalkulat fuq rati differenti li ma kienux gew miftiehma *a priori* bejn l-istess partijiet. Jidher li fil-bidu il-partijiet kienu ghamlu ftehim dwar ix-xoghol li s-socjeta’ attrici kienet inkarigata li taghmel fil-proprjeta’ residenza tal-konvenut pero’ mammano max-xoghol li kien qed isir, il-konvenut zied xi xoghol u din id-darba ma talabx ghal stima minn qabel.

Is-socjeta’ attrici ghalhekk hasbet li x-xoghol addizzjonali kien ser isir skond ir-rati gja miftiehma ghax-xoghol principali waqt li l-konvenut qed jghid li una volta ma kienx hemm ftehim *ad hoc* allura ghandhom japplikaw ir-rati kurrenti tas-suq.

Il-Qort kienet innominat lill-Perit Ruben Sciortino sabiex jiehu konjizzjoni tal-fatti teknici tal-kaz u jirrelata dwarhom u fil-fatt fir-relazzjoni tieghu peress li spjega in *poche parole* li la r-rati tax-xoghol addizzjonali ma kinux gew miftiehma minn qabel, hija l-opinjoni tieghu li r-rati tas-suq ghandhom jigu uzati u kkonkluda ghalhekk li l-ammont dovut mill-konvenut lis-socjeta’ attrici huwa ta’ hamest elef hames mija wiehed u erbghin ewro u ghoxrin centezmu (€5,541.20).

In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista’ taghmlu b’ mod legger jew kapriccjuz.

Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b’ ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett

tekniku tal-materja taht ezami ("Grima vs Mamo et noe" – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).

Jigifieri Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ("**Cauchi vs Mercieca**" – Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999 ; "**Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 u "**Calleja noe vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

Il-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli" – ("**Bugeja et vs Muscat et**" – Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).

Issa fil-kaz in ezami il-Perit Tekniku kellu jezamina x-xoghol li sar, jara jekk sarx skond is-sengha u l-arti u wara jara jekk il-kont mibghut mis-socjeta' attrici kienx jirrispekkja il-ftehim li kien hemm ezistenti bejn il-partijiet. M'hemmx dubbju li bhala fatt jirrizulta li bejn il-partijiet kien hemm ftehim originali u l-parti kbira tax-xoghol sar skond dan l-istess ftehim u skond ir-rati hemm miftiehma izda il-kwistjoni *in ballo* hija dwar ix-xoghol addizzjonali li sar u allura jekk del resto kellux jigi stmat u kalkolat bl-istess rati tal-ftehim originali jew jekk dan l-ezercizju kellux isir skond ir-rati kurrenti.

L-**Ingineer Victor Bonello** prodott mis-socjeta' attrici spjega li huwa kien gie imqabbad bhala konsulent biex jevaluwa il-kont li kienu hargu ghax-xoghol li ghamlu fuq il-propjeta' tal-konvenut liema kont kien gie kalkolat fuq l-istima li l-partijiet kienu ftiehmu dwarha fit-23 ta' Jannar 2010 liema ftehim jinsab esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok X a fol. 18 tal-process. Spjega li l-istima originali kienet giet accettata bir-rati hemm imsemmija. Jidher fil-fehma tieghu li l-konvenut ma kienx qed jikkontesta il-kwalita' tax-xoghol li sar jew il-kwantita' sew kemm bhala numru kif ukoll bhala metraci, izda il-kontestazzjoni kienet biss fuq ir-rati li gew applikati fuq ix-xoghol li sar u li ma kienx inkluz fl-istima originali. Fil-fatt huwa ghamel referenza ghad-dokument datat 26 ta' Settembru 2012 esebit fl-atti a fol 41 u mmarkat bhala Dok S liema dokument gie redatt minnu u jghid li d-differenza hija fl-ammont ta' elfejn, seba' mija u sitta u tmenin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€2,786.41). Huwa jghid li efffettivament ma uza l-ebda teknika ta' engineering biex wasal ghas-somma indikata minnu izda ghamel interpolation tar-rati gja ezistenti ghall-items il-godda u ta' per ezempju jekk hemm single socket outlet u din kienet tiswa sittin ewro (€60) kienet ovvja ghalih li *double socket outlet* ma tiswiex hamsa u hamsin ewro (€55) izda tiswa aktar. Issa jekk tiswa hamsa u sittin ewro (€65) jew jekk tiswa sebghin (€70) wiehed juza t-teknika. Mistoqsi jekk kienx hemm *going rates* jghid li ma hemmx - dawk isiru mis-suq u skond kif wiehed jinnegozja. Qal li huwa ghamel ix-xoghol tieghu u hadem ic-cifri fuq ir-rati gja miftiehma u li dwarhom kien hemm hlas.

L-Ingineer **John Muscat** xehed ukoll quddiem il-Perit Tekniku u spjega li ilu jahdem fis-settur tal-building services sa mis-sena 2001. Ghall-ewwel erbgha snin kien impjegat ma' kumpanija ta' konsulenzi pero' mis-sena 2004 ilu jahdem fl-istess settur bhala self employed taht l-isem Dew Point Engineering Consultancy Services. Qal li l-konvenut kien mar ikelmu fuq l-progett li kellu ghaddej id-dar fejn is-socjeta' attrici kienet giet inkarigata taghmel l-

installazzjoni tad-dawl u ilma fil-villa tieghu. Spjega li l-konvenut kien mar ghandu wara li kien ircieva il-kont finali u dan ghaliex ma kienx qabel mieghu fil-fehma tieghu kien hafna aktar gholi minn dak miftiehem originarjament. Qal li l-konvenut kien stqarr mieghu li waqt li x-xoghol kien ghaddej kien ta aktar xoghol lis-socjeta' attrici pero' qatt ma kien immagina li l-prezz kien ser jizdied ghal kwazi d-doppju. Qal li huwa kien gie inkarigat sabiex jezamina l-kont finali bl-additions li kienu gew mitluba. Qal li huwa ghamel formola ta' Bill of Quantities sabiex ikun f'posizjoni ahjar li jaghmel il-kalkoli tieghu u wara jghid li ghalaq ghajnejh u ghamel *market rate* u b'dawn il-prezzjiet l-ammont gie inqas minn dak li gie mitlub mis-socjeta' attrici. Qal *ex-admisses* li huwa hadem skond il-market rate indipendentement minn dak li kien gie miftiehem bejn il-partijiet. Mistoqsi jikkummenta dwar ir-rati wzati mis-socjeta' attrici jghid li l-parti l-kbira minnhom huma gusti, ohrajn kienu taht il-prezz tas-suq u kien hemm minnhom li kienu konsiderevolment 'l fuq mill-prezz tas-suq. Jghid ukoll li huwa ma jaqbilx li ghandu juza r-rati miftehma biex johrog ir-rati ta' dawk l-oggetti li ma kienux ftiehmu dwarhom fil-bidu tal-ftehim u li m'humiex inkluzi fil-ftehim originali.

Il-konvenut **Gordon Micallef** xehed u qal li s-socjeta' attrici kienet baghtet rapprezentant taghha fuq is-sit in kwistjoni qabel ma beda x-xoghol minnhom u kienet taghtu stima. Qal li kienu tawh stima u insegwitu kien accetta tali stima u s-socjeta' attrici bdiet tesegwixxi x-xoghol. Qal li waqt li kien ghaddej ix-xoghol rapprezentant tas-socjeta' attrici kien jattiralu l-attenzjoni tieghu li kellu xi points neqsin jew addirittura xi xoghol iehor li kellu jizdied u huwa kien itihom il-*go ahead* sabiex jghamluh pero' jghid li s-socjeta' attrici qatt ma qaltlu li l-kont kien qed jizdied. Qal li l-kont originali kien ta' hdax-il elf ewro (€11,000) u spicca kwazi d-doppju u jghid li qatt ma mmagina li kien ser jizdied hekk. Jghid li s-socjeta' attrici baqghet ghaddejja bix-xoghol u huwa approva dak li kien qed isir u ma waqqafhomx ghalkemm dwar prezzijiet godda qatt ma tkellmu. Jghid

li l-istima originali kien raha tajba u jghid li kien jaf li kien qed izid ix-xoghol pero' qatt ma haseb li l-kont kien ser jitla' daqshekk.

Ghalhekk in vista tal-provi imressqa mill-partijiet quddiem l-Perit Tekniku, ix-xogħolijiet in kwistjoni effettivament saru, u saru skond is-sengha u l-arti. Dan qed jinghad ghaliex ma hemm l-ebda lament dwar il-kwalita' tax-xoghol izda l-lament li hemm huwa jekk ix-xoghol addizzjonali li sar ghandhomx jigu kkonsidrati bhala "extra works" u mhallsa bir-rati imsemmija fl-istima oriġinali. Skond deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna pretensjonijiet ta' hlas ghar-rigward ta' dan it-tip ta' xogholijiet "extra" ghandhom ikunu kkonsidrati favorevolment (vide Prim'Awla - 5 ta' Novembru 2001 – "**Dr Louise Sant Fournier nomine vs Jawad Shaikh et**" u Prim'Awla - 6 ta' Ottubru 2005 - "**Vella Borg Alfred vs Accountant General et.)** F'din l-ahhar imsemmija sentenza intqal li:

*"l-liġi tagħna, **Art.1639 tal-Kap 16**, timxi mar-regola li l-bidla jew zieda fix-xogħol miftiehem f'appalt ta' bini jew ta' "xogħol ieħor kbir" ma tagħtix jedd lill-appaltatur għal zieda fil-prezz, sakemm dawk il-bidliet jew zieda ma jkunux gravuzi għalih. Il-liġi ma jidhirx li tagħmel distinzjoni bejn meta x-xogħol ġdid jew zejjed ikun inħoloq bla maħsub min-natura nnifisha tal-appalt u meta dak ix-xogħol ikun intalab mill-kommittent minn rajh. Jidher li l-kriterju waħdieni fil-liġi tagħna huwa dak li l-bidliet ikunu għamlu l-appalt mogħti aktar gravuz għall-appaltatur."*

Fis-sentenza fl-ismijiet "**Topserv Limited vs Edwin Vella nomine**", Appell Civili gie ritenut li:

*"a contrariu sensu jfisser, dejjem attiz li x-xoghol miftiehem ikun ta' entita' kbira, jekk it-tibdil ikun gravuz jew pregudizzjevoli ghall-appaltatur dan jista' u ghandu dritt jitlob zieda fil-prezz. Din hi disposizzjoni eccezzjonali u taghmel sens tenut rigward tat-telf kbir li jista' jigi subit f'dawn il-kazijiet ta' xoghol kbir."*

Il-Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha fil-kawza fl-ismijiet "**Craig nomine vs Debono nomine**" fid- 29 ta' April, 1996 sostniet li:

*"wiehed ghandu, meta jara x-xoghol jizdied u l-ispiza toghla, jikkontrolla dak li qed isir; japplika f'dak il-kaz id-detto taljan "patti chiari, amicizia lunga." Altrimenti jsir aktar difficli ghal min jaghti l-inkariku li hu jipprova li hu ghandu jaghti anqas minn dak mitlub minn ghandu."*

Illi ghalhekk in sostenn ma' dak li ghadu kif gie imfisser, hija il-fehma ta' din il-Qorti li hija ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet raggunti mill-Perit Tekniku u dan ghaliex jirrizulta bic-car li meta s-socjeta' attrici nghatat l-inkarigu addizzjonali mill-konvenut hija kienet qed tahdem taht il-pretiza li l-hlas taghha kien ser ikun skond dak gja miftiehem u accettat bejniethom. Il-konvenut kien kuntent bix-xoghol li kien qed isir u dan ghaliex kollu sar bil-konoxxenza u accettazzjoni tieghu u ghalhekk ma jistax issa jigi u jghid li m'ghandux ihallas skond il-prezzijiet miftiehma izda li ghandu jhallas skond il-*going market rates.*

Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tabbraccja r-ragunament mehud mill-Espert Tekniku ex-parte l-Ingineer Victor Bonello u tabbraccja il-konkluzjonijiet tieghu u ghalhekk tilqa' it-talba attrici.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li qieghda tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, qieghda tilqa' it-talba attrici b'dan illi qieghda tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici dik is-somma mitluba fir-rikors promotur fl-ammont ta' disat elef, mija u wiehed u hamsin ewro u erbghin centezmu (€9,151.40).**

**Il-Qorti qieghda wkoll tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali numru 42/2012 datata l-5 ta' Jannar 2012 u tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors promotur. L-imghax jibda' jiddekorri mil-lum.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------